

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9524/1/22
REV 1

RECH 305
COMPET 405
RELEX 696
DEVGEN 102

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 9163/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-valuri u l-prinċipji għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni <i>Approvazzjoni</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prinċipji u l-valuri tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni ġew imħejjija bil-ħsieb tal-Kunsill Kompetittività previst għall-10 ta' Ġunju 2022. Dan l-abbozz ta' konklużjonijiet huwa konformi ma' dawk tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel¹, li fiha l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġew mistiedna jibdeu proċess ta' kodiċin biex ikompli jiżviluppaw il-prinċipji u l-valuri ewlenin tal-Unjoni għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I).

¹ 12301/21

2. Dawn il-konklużjonijiet isegwu wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa², li rrakkomandat lill-Istati Membri japplikaw sett ta' valuri u prinċipji għar-R&I fl-Unjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati.
3. Dawn il-konklużjonijiet jiżviluppaw il-valuri u l-prinċipji ppreżentati lill-Ministri responsabbli għar-riċerka fil-qasam tad-Dikjarazzjoni ta' Marsilja dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-R&I fil-laqgħa tagħhom tat-8 ta' Marzu 2022. Huma jappellaw partikolarment għal dialogu multilaterali mas-sħab ewlenin internazzjonali tal-Unjoni abbażi ta' dawn il-valuri u l-prinċipji.
4. Barra minn hekk, mehmuża mal-konklużjonijiet, tinsab dikjarazzjoni tal-Kunsill (dok. 9524/22 ADD 1) relatata mal-impatt fuq ir-R&I tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. Peress li ż-żmien tal-valuri u l-prinċipji tal-kooperazzjoni internazzjonali huwa differenti minn dak tal-kunflitt fl-Ukrajna, tqies xieraq li tiġi adottata dikjarazzjoni separata dwar din il-kwistjoni attwali, filwaqt li tiġi enfasizzata l-importanza tagħha.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

5. It-test li jinsab fl-Anness ta' din in-nota jirriproduċi t-test li jinsab fl-Anness tad-dok. 9163/22, kif ikkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-25 ta' Mejju 2022. Il-Kumitat iddeċieda li jibgħat dan l-abbozz ta' konklużjonijiet lill-Kunsill (Kompetittività) għall-approvazzjoni fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022.
6. Id-delegazzjoni Pollakka esprimiet l-intenzjoni tagħha li ddaħħal dikjarazzjoni fil-minuti tal-Kunsill dwar l-interpretazzjoni ta' "ġeneru" fil-paragrafu 8 tal-verżjoni Ingliża, tat-test tal-konklużjonijiet (dok. 9524/22 ADD2).

² ĠU L 431, 2.12.2021

III. KONKLUŻJONI

7. Għaldaqstant, il-Kunsill (Kompetittività) hu mistieden jadotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness.
-

ABBOZZ ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - l-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel³, li fihom identifika l-prinċipji u l-valuri ewlenin kondiviżi tal-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jinvolvu ruħhom fi proċess ta' kodiċin biex jiġu żviluppati aktar;
- fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa⁴, li fiha rakkomanda li l-Istati Membri japplikaw sett ta' valuri u prinċipji għar-R&I fl-Unjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati u jipromwovuhom fl-interazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi u kundizzjonijiet qafas komuni;

³ 12301/21

⁴ ĠU L 431, 2.12.2021

Introduzzjoni

1. JINNOTA li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I għandu jkollha l-għan li tippromwovi l-valuri demokratiċi u l-kooperazzjoni għall-paċi, il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030, l-aċċess għall-aktar għarfien aġġornat kif ukoll il-kollaborazzjoni bejn it-talenti fid-dinja u ċ-ċirkolazzjoni tagħhom, speċjalment ir-riċerkaturi zgħażaġh; IFAKKAR li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I hija meħtieġa biex jiġu ffaċċjati l-isfidi globali, toħloq opportunitajiet ekonomiċi fi swieq stabbiliti u emerġenti u tippermetti li jissaħħaħ ir-rwol globali tal-Unjoni permezz tad-diplomazija xjentifika; JENFASIZZA li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I hija strumentali biex jissaħħaħ l-impatt tar-R&I fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u jista' jkollha rwol importanti fil-kisba tal-oġġettivi ġenerali, b'mod partikolari l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi; JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tad-diplomazija xjentifika, fost l-oħrajn fit-tisħiħ tal-influenza tal-Unjoni bħala sieħba globali ta' fiduċja fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni;
2. JENFASIZZA l-ambizzjoni tar-riċerkaturi u persunal ieħor tar-riċerka u l-iżvilupp, l-innovaturi, l-akkademiċi u l-istudenti biex jikkollaboraw internazzjonalment; JISSOTTOLINJA li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jaħdmu liberament mas-sħab tagħhom minn pajjiżi terzi f'ambjent ibbażat fuq prinċipji u valuri kondiviżi mill-atturi kollha, sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni bbilanċjata; JISĦAQ fuq l-importanza li jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija, u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u t-teknoloġija permezz ta' approċċ Ewropew ikkoordinat bil-ħsieb li tinkiseb kollaborazzjoni bbilanċjata u ta' benefiċċju reċiproku, li hija parti mis-setgħa ta' perswazzjoni tal-Unjoni u l-kapaċità tagħha bħala entità li tistabbilixxi standards globali.
3. JISĦAQ fuq l-importanza tal-kooperazzjoni fir-R&I ma' pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni u ma' pajjiżi b'relazzjoni li ilha teżisti mal-Unjoni u ma' pajjiżi terzi li jħaddnu l-istess prinċipji u valuri bħalha bil-ħsieb li jippromwovuhom fil-livell internazzjonali, fil-kuntest tal-approċċ globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

4. JINNOTA l-ħtieġa li tiġi bbilanċjata mill-ġdid, fejn xieraq, il-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I fuq il-bażi ta' reċiproċità u kondizzjonijiet ekwivalenti, skont il-prinċipju "miftuħ kemm jista' jkun, magħluq kemm meħtieġ"; JINNOTA l-prinċipji u l-valuri kif ippreżentati fil-Konferenza Ministerjali ta' Marsilja tat-8 ta' Marzu 2022 dwar Approċċ Globali għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni Għolja u JENFASIZZA li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiġu promossi s-sovranià teknoloġika tal-Unjoni u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa;

Prinċipji u valuri fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I

5. JIRRIKONOXXI l-libertà tar-riċerka xjentifika bħala d-dritt li jiġu definiti liberament kwistjonijiet ta' riċerka, li jintużaw metodi tajbin ta' riċerka xjentifika, li jiġi kkontestat l-għerf konvenzjonali u li jiġu proposti ideat u teoriji ġodda; u JAPPOĠĠA d-drittijiet tar-riċerkaturi li jipubblikaw, jikkondividu, ixerrdu u jikkomunikaw b'mod miftuħ ir-risultati u d-data ta' din ir-riċerka, inkluż permezz ta' taħriġ u taġġim, u li jassoċjaw ruħhom f'organizzazzjonijiet professjonali jew akkademiċi rappreżentattivi mingħajr ma jkunu żvantaġġati mis-sistema li jaħdmu fiha jew bi kwalunkwe ċensura jew diskriminazzjoni;
6. JISĦAQ fuq l-importanza tal-etika u l-integrità u JĦEĠĠEĠ li jitqies it-tħassib etiku fil-kollaborazzjoni xjentifika u akkademika internazzjonali, fost l-oħrajn meta l-ħidma ta' riċerka tinvolvi suġġetti umani u privatezza, l-esperimentazzjoni fuq l-annimali jew l-ambjent, inkluż permezz ta' proċessi ta' rieżami bejn il-pari etiċi indipendenti u trasparenti; JISSOTTOLINJA li l-integrità tar-riċerka tinkludi elementi ta' affidabbiltà, onestà, rispett u responsabbiltà sabiex jinkisbu rezultati affidabbli tar-riċerka, b'mod trasparenti u riproduċibbli, fil-ġlieda kontra t-tixrid tal-pseudoxjenzi u l-miżinformazzjoni, il-bini u ż-żamma tal-fiduċja fix-xjenza; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibbażaw il-kooperazzjoni internazzjonali taġġim fuq il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka;

7. JENFASIZZA l-eċċellenza fir-riċerka bħala l-ixprunatur ewlieni tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I; JISSOTTOLINJA li l-eċċellenza fir-riċerka trid tiġi vvalutata wkoll fuq il-prinċipji tal-etika u l-integrità u għandha titrawwem permezz ta' ċirkolazzjoni internazzjonali ħielsa u aktar ibbilanċjata tar-riċerkaturi u l-ġharfien;
8. JAPPELLA GĦALL-ġlieda kontra kwalunkwe diskriminazzjoni u JIPPROMWOVI l-inklużività u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari l-opportunitajiet indaqs fil-karrieri u l-integrazzjoni ta' dimensjoni tal-ġeneru fl-attivitajiet tar-R&I;
9. JINKORAĠĠIXXI x-Xjenza Miftuħa sabiex tfittex konsolidazzjoni reċiproka u tixrid tar-riżultati tar-riċerka permezz ta' oqfsa u strateġiji li jiffukaw fuq l-aċċess miftuħ u immedjat għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, kif ukoll l-istrutturar, il-preservazzjoni u, sa fejn ikun possibbli, il-ftuħ jew il-kondiviżjoni tad-data tar-riċerka f'konformità mal-prinċipji traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli ("FAIR"), kif ukoll is-software u l-kodiċijiet tas-sors; JAPPOĠĠA l-infrastrutturi tax-xjenza miftuħa, il-parteciċipazzjoni miftuħa taċ-ċittadini fil-proċess xjentifiku, il-komunikazzjoni mas-soċjetà u l-innovazzjoni miftuħa;
10. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu u jippromwovu t-titjib tal-protezzjoni universali u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali, kif ukoll il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali, sabiex jiffavorixxu approċċ ibbilanċjat bejn il-protezzjoni tal-interessi tal-partijiet ikkonċernati u l-impatt ekonomiku u soċjetali tal-valorizzazzjoni tal-ġharfien;
11. JIRRIKONOXXI l-ħolqien tal-valur u l-impatt soċjetali u ekonomiku li jirriżulta mir-riċerka fundamentali u mix-xjenza, mit-teknoloġija u mill-innovazzjoni, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà permezz ta' prodotti, servizzi, proċessi u soluzzjonijiet, kif ukoll permezz tal-ġharfien xjentifiku li jikkontribwixxi għat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza; JISSOTTOLINJA li r-R&I għandhom jippromwovu l-benesseri tan-nies u ta' bnedmin oħra f'approċċ sostenibbli u b'rispett reċiproku għall-ambjent u r-riżorsi kollha tal-pjaneta, il-prosperità ekonomika u soċjetali, u t-trasferiment tal-ġharfien;

12. JINKORAĠIXXI r-responsabbiltà soċjetali u ambjentali u JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà fil-kooperazzjoni internazzjonali tagħhom fir-R&I sabiex jiksbu benefiċċji soċjetali u ambjentali akbar u jipromwovu l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, il-komunitajiet lokali u ċ-ċittadini fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki, billi jsaħħu d-djalogu xjentifiku u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni biex jappoġġaw il-fiduċja u l-involviment fix-xjenza u l-innovazzjoni; JINKORAĠIXXI s-solidarjetà u s-sħubijiet b'mod partikolari ma' pajjiżi b'introjtu baxx u medju u JINNOTA li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I hija wkoll strument ewlieni li jikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-tiħiħ ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien f'dawn il-pajjiżi;
13. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-ġestjoni tar-riskju u tas-sigurtà; JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiġġieldu l-interferenza barranija u jimmaniġġaw ir-riskji inerenti fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I, filwaqt li jipprovdu prekawzjonijiet adegwati dwar is-sigurtà tal-Unjoni u jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali, ir-regoli għall-protezzjoni tal-privatezza, id-data personali u l-infrastrutturi; JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw u jiżviluppaw aktar il-prattiki tajbin identifikati pereżempju fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "L-indirizzar tal-interferenza barranija fir-R&I"⁵ [Traduzzjoni Mhux Uffiċjali] sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tagħhom;

Lejn djalogu multilaterali dwar il-prinċipji u l-valuri tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I ma' sħab internazzjonali ewlenin

14. JISTIENEN lis-sħab internazzjonali ewlenin tal-Unjoni fil-kooperazzjoni fir-R&I jinvolvu ruħhom fi djalogu multilaterali mal-Unjoni abbażi ta' dawn il-prinċipji u l-valuri, b'mod partikolari biex jikkontribwixxu għal qafas robust u komuni għal kooperazzjoni internazzjonali bbilanċjata u ta' benefiċċju reċiproku fir-R&I għal skopijiet ta' paċi, biex jistabbilixxu bażi komuni għar-rispett tal-prinċipji u l-valuri, biex irawmu l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi, biex isaħħu s-solidarjetà ma' pajjiżi b'introjtu baxx u medju, u biex jaħdmu flimkien biex jiġġieldu kwalunkwe interferenza barranija fir-R&I;

⁵ 5396/22

15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tnejji dan id-djalogu multilaterali f'approċċ koordinat bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha permezz tas-sottogrupp permanenti tal-Forum taż-ŻER għall-approċċ globali għar-R&I.
-